MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1503/2004

**Talba Numru. 1503/04**

**Emanuel Azzopardi**

**-vs-**

**Alan Zammit li jiggestixxi n-negozju Daytona Workshop u b'digriet tas-27 ta` Settembru 2004 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni tal-kunjom tal-konvenut fis-sens li l-konvenut huwa Alan Busuttil jigifieri l-kunjom tal-konvenut imbidel minn Zammit ghal Busuttil**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmenin cetezmu (Lm188.80c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-fatt illi x-

xogholijiet ta` tiswija konsistenti f'*panel-beating* u *spray-painting* ezegwiti mill-konvenut fuq inkarigu tal-attur fuq il-vettura tal-ghamla BMW 318 bin-numru ta` registrazzjoni CAC105 ma sarux skond l-arti u s-sengha.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol ezegwit kien skond l-arti u s-sengha u l-konvenut ma jahtix la ghall-kawza kif ukoll ghall-konsegwenzi tal-atti allegatament dannuzi li ghalihom il-konvenut huwa kompletament estraneu.

Sema` x-xhieda ta` Emanuel Azzopardi, Alan Busuttil, Josef Abdilla, Andrew Bondin, Colin Balzan, Christopher Zammit, Paul Mallia, Rokku Busuttil.

Ra l-affidavits ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Anthony Galea ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Emanuel Azzopardi kellhu vettura BMW bin-numru ta` registrazzjoni CAC105 u li din kellha d-daqqa fil-*mudguard* u fil-*bonnett* fuq in-naha tal-lemin. Huwa kien akkwista l-*parts* necessarji u ha l-karozza ghand il-konvenut biex iwahhallu l-*parts* u jisprejja l-karozza.

Emanuel Azzopardi gab il-parts li kellhom jigu mibdula u l-konvenut biddel il-parts, ghamel diversi xogholijiet fil-vettura u eventwalment sprejjaha u din giet konsenjata lill-attur u dakinhar jew ftit granet wara l-konvenut thallas.

Xi zmien wara – sena jew sena u nofs – l-attur ha l-vettura lura ghand il-konvenut sabiex din tigi polished u dan il-polishing sar ukoll u ta` dan l-attur hallas hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

Il-vertenza f'din il-kawza hija 'il ghaliex wara dan l-attur ilmenta illi kien hemm hsarat fil-vettura konsistenti blistering fiz-zebgha tant li kien hariglu s-sadid, liema lment l-attur qieghed jallega li huwa naxxenti mill-allegat xoghol hazin maghmul mill-konvenut.  L-attur xehed li huwa lmenta dwar ix-xoghol hazin malli l-karozza giet konsenjata lilhu wara li giet sprejjata, izda l-konvenut jichad li kien hemm xi lment dwar dan.

Stante n-natura teknika tal-kwistjoni, gie nominat bhala espert tekniku Joseph Buttigieg li meta ghamel ezami tal-vettura innota li din kellha erba` problemi u cioe`:

1. Fil-kantuniera ta` wara, fuq il-lemin tal-bonnett, kien hemm hsara kemxejn gravi li kienet *corrosion* bis-sadid.
2. Fl-istess kantuniera minn taht kien hemm hsara wkoll.
3. Fix-xifer tal-mudguard kien hemm xi hames millimetri zebgha mtajjra; u
4. Gew innotati xi ponot irqaq li la kienu hafna u lanqas kienu ta` hsara.

Il-Perit wasal ghall-konkluzjoni illi l-hsara relattiva ghall-bonnett fuq imsemmija, jigifieri *items 1 u 2*, kienu naxxenti mill-part innifisha u mhux minhabba l-spray.  Huwa wasal ghall-konkluzjoni illi aktarx kien hemm gherq tas-sadid naxxenti fil-parti innifisha li ma kienx vizibbli meta dan il-part gie konsenjat lill-konvenut u ghalhekk ghal dawn il-hsarat huwa evidenti anke mir-rapport tal-Perit tekniku li m'ghandux x'jahti l-konvenut.

Ghar-rigward tac-cipjatura fil-mudguard ma jidhirx illi l-attur qieghed jimputa din il-hsara lill-konvenut u ghalhekk f'dan ir-rigward m'ghandux jaghmel tajjeb ghaliha.

Jibqa` biss il-ponot irqaq li fl-eskussjoni tieghu l-Perit ikkonkluda illi dawn huma insinjifikanti u kieku kienet din il-problema wahedha kien jasal ghall-konkluzjoni li fil-vettura ma kienx hemm problemi dwarha.

Billi huma biss dawn il-ponot irqaq, li huma ftit, li huma imputabbli ghall-konvenut u galadarba l-espert tekniku

kkonkluda li dawn huma insinjifikanti, dawn jistghu jitqiesu bhala *de minimis* u konsegwentement it-talba f'dan ir-rigward ghandha tigi michuda u dan anke ghaliex jidher evidenti mix-xhieda prodotta illi l-ilment principali tal-konvenut kienet relatata mal-parti tal-bonnett fejn harget il-hsara u mhux ghal dawn il-ponot irqaq.

Illi minkejja li t-talba attrici sejra tigi michuda, it-Tribunal ihoss li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap tal-ispejjez u dan billi l-konvenut ressaq hafna xhieda li ma kienux ta` utilita partikolari ghall-kawza u b'rizultat taghhom inhela hafna zmien kemm ta` dan it-Tribunal kif ukoll tal-avukat difensuri tal-kontro-parti u ghalhekk, it-Tribunal ser jikkonkludi li l-ispejjez ghandhom jibqghu  bla taxxa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi li filwaqt li jichad it-talba attrici stante li din hija nfondata.  L-ispejjez tal-kawza, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------